MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Numru. 132/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Hesham SKH Garz Eddin ta' 33 sena iben Sahhir u Soria nee` Mourat, imwieled il-Libja nhar 1-1 ta' April 1978, residenti gewwa 16, Triq San Frangisk, San Pawl il-Bahar detentur tal-karta ta' l-identita` numru 23124A**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-4 ta' Farar 2012, f'xi hibn matul il-lejl, fi Triq il-Port Ruman San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq aggravate ta' oggetti minn gewwa vettura Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni KBI413 ta' lewn abjad u minng ewwa vettura Toyota ta' lewn blue bin-numru ta' registrazzjoni ODD733, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94 izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro  u sebgah u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa u dang had-detriment ta' Ranier Bezzina, Audrey Agius u/jew persuna jew persuni ohra.

2. kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi volontarjament hassru, gharrqu jew ghamlu hsara fi hwejjeg haddiehor limea ammont tal-hsara jiskorri l-Euro 11647 izda ma jiskorrix l-Euro 1,164.69 ghad-dannu ta' Ranier Bezzina, Audrey Agius u/jew persuna jew persuni ohra;

3. Fl-4 ta' Frar 2012 xjenetement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin Euro centezmu (€2,329.37) mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibiegh  jew imexxi dawn l-oggetti.

4. Lil Hesham S.KH Gharz Eddin wahdu talli ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC1350 Christian Xuereb inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dak is-servizz, jew bi-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

5. kif ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

6. Omissis.

Rar id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-5 ta' Dicembru, 2012;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet tratazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hat ital-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi b iex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, izda fuq kollox illi l-imputat illum irriforma hajtu u kwindi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261©(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1), 281, 325(1)(b), 334, 279(a), 95, 49, 50, 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lil hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas lil Audrey Agius is-somma ta' hamsa u tmenin euro (€85) u li Ranier Bezzina is-somma ta' mija u disa' euro (€109) u dan fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------